MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 171/2009

**Mario Valentino u George Valentino għan-nom u in rappreżentanza tal-*Partnership en nom collectif* ta' Valentino Bros.**

**-vs-**

**Anthony u Louise Cassar**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-24 ta' Frar 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi wara l-atti tas-Subbasta 129/99 fl-ismijiet *Mario Valentino et noe vs Carmelo Mallia et,* il-fond numru 4, Louton, Espedito Catania Street Ħaż-Żabbar, bl-arja libera tiegħu, ġie liberat favur l-atturi fis-26 ta' Ġunju, 2008, skond dokument MV1.

2. Illi l-imsemmi fond ġie nsinwat fir-Reġistru Pubbliku mir-Reġistratur tal-Qorti fl-14 ta’ Jannar, 2009 u li għandu n-numru ta’ l-insinwa 555/09, li kopja tagħha qegħda tiġi hawn annessi u mmarkati bħala Dok. MV2.

3. Illi l-fond in kwistjoni ġie liberat favur l-atturi u insinwat fir-Reġistru Pubbliku f’isem l-istess atturi bħala proprjetarju tal-fond 4, Louton, Espedito Catania Street Ħaż-Żabbar.

4. Illi b’ittra uffiċċjali tat-3 ta’ Frar 2008, li kopja tagħha qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. MV3, talbu l-iżgumbrament ta’ l-intimati mill-fond in kwistjoni, issa ġja’ la darba l-fond ġie mibjugħ u liberat favur l-atturi minħabba d-debiti ta’ l-intimati u dan wara s-subbasta fuq imsemmija.

5. Illi l-okkupazzjoni ta’ l-intimati fil-fond in kwistjoni hija abbusiva u llegali u huma għandhom jiżgumbraw mill-fond in kwistjoni, ġja’ la darba it-titolu tagħhom ġie terminat bil-bejgħ in subbasta tal-fond imsemmi.

6. Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167/170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex dan ir-rikors jiġi deċiż bid-dispensa tas-smiegħ billi l-konvenuti m’għandhom ebda eċċezzjoni valida fil-liġi xi jressqu kontra t-talba ta’ l-atturi għall-konsenja lilhom taċ-ċavetta u l-pussess battal tal-imsemmi fond 4, Louton, Triq Espedito Catania, Ħaż-Żabbar.

7. Illi l-atturi jafu personalment il-fatti għal dak li jirrigwarda dak kollu premess. Dwar dan jistrieħu wkoll ix-xhieda annessa ma’ dan ir-rikors.

Għaldaqstant jgħidu l-konvenuti ntimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u kif dispensata mis-smiegħ tal-kawża a tenut ta’ l-Artikolu 167/170 għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba ta’ l-atturi bid-dispensa tas-smiegħ tar-rikors *ai termini* ta’ l-Artikoli 167/170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex f'terminu qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din il-Qorti jikkonsenjaw lill-atturi ċ-ċavetta u l-pussess battal tal-fond numri 4, Louton, Triq Espedito Catania, Ħaż-Żabbar *stante* li dawn jinsab f'idejhom bla ebda titolu legali u konsegwentement jirrilaxxjaw l-istess immobbli bħala liberi u bil-pussess battal favur l-attriċi.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Frar, 2009 u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tas-26 ta' Frar 2009 li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-seduta tal-lum;

Semgħet lill-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess li permezz tiegħu l-kawża ġiet posposta għas-sentenza;

Rat illi l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet xi jressaq.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' erba' xhur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------